MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 843/2012

**Carmelo maghruf Charles Bugeja (I.D. 134642 M)**

**u Angela Bugeja (I.D. 946148 M), mizzewgin**

**vs**

**Kuraturi Deputati biex jipprezentaw lill-werrieta (aktarx assenti) mhux maghrufa ta' Saviour Gauci, il-werrieta mhux maghrufa (aktarx assenti) ta' Maria kunjomha mizzewga mhux maghruf xebba Gauci, il-werrieta mhux maghrufa ta' Antonia Pisani xebba Gauci u kuraturi Deputati biex jipprezentaw lil ko-proprjetarji ohra possibilment mhux maghrufa jekk dawn jezistu u b'digriet datat il-5 ta' Marzu, 2013, gew nominati bhala kuraturi deputati**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina,**

**u skont digriet datat l-24 ta Lulju, 2013, il-Prokuratur Legali**

**Liliana Buhagiar giet mahtura minflok il-Prokuratur Legali**

**Doreen Aquilina**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 ta' Awissu, 2012, li permezz tieghu, sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi tramite kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat l-1 ta' Dicembru, 2011, akkwistaw kwart (1/4) indiviz tal-kmamar mhux ufficjalment immarkati numru tnejn, (2), tlieta, (3), u erbgha, (4), f'bitha privata b'entratura numru disgha, (9), fi Triq it-Tramuntana, il-Birgu, liberi u franki, minghajr arja taghhom, fil-livell mat-triq u bid-drittijiet u il-pertinenzi l-ohra kollha taghhom, inkluz is-sehem indiviz u relattiv tal-partijiet u servizzi komuni kollha li jintuzaw ukoll minn sidien tal-kmamar l-ohra fl-imsemmija bitha u soggetti ghas-servitujiet naxxenti mill-pozizzjoni taghhom;

1.2 Illi sa fejn jafu r-rikorrenti l-intimati fuq indikati huma werrieta komproprjetarji indivizi tal-ishma rimanenti;

1.3 Illi *ex cautela* gie wkoll provdut ghan-nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lil sidien possibilment mhux maghrufa;

1.4 Illi r-rikorrenti ma jixtiqux jibqghu f'kommunjoni u ghalhekk jitolbu li din il-komunjoni tigi mitmuma;

1.5 Illi l-fond mhux komodament divizibbli u ghalhekk tqum il-htiega ta' licitazzjoni;

1.6 Illi konsegwentement ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex din:

1.6.1. Tordna c-cessjoni ta' l-istat ta' komunjoni u ta' indivizibilita` fil-kmamar fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wieded, (1.1.), aktar qabel);

1.6.2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kmamar mhumiex komodament divizibbli;

1.6.3. Tordna l-licitazzjoni ta' l-intier taghhom taht l-awtorita` tal-qorti, bis-soliti provvedimenti u bid-dritt tar-rikorrenti li joffru u jixtru *animo compensandi* jekk ikun il-kaz;

1.6.4. Tiffissa jum u hin ghall-bejgh b'licitazzjoni tal-kmamar fuq gia` riferiti;

1.6.5. B'riserva ghal kull dritt u azzjoni lilhom spettanti;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

3.0. Rat it-twegiba mahlufa tal-kuraturi deputati nominati datata t-23 t'April, 2013, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

3.2. Illi ghad iridu jigu stabbiliti l-kwoti tal-partijiet;

3.3. Illi jirrizulta li hemm legat li jithallas lill-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz fil-Birgu;

3.4. Illi jirriservaw id-dritt li jressqu aktar twegibiet il- quddiem;

4. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, hatret perit tekniku hemm indikat biex jiddeskrivi l-fond li tieghu qed tintalab il-licitazzjoni, (ara foll 21);

5. Rat ir-relazzjoni peritali ipprezentata in atti fl-20 ta' Marzu, 2014, (ara foll 48);

6. Semghet ukoll ix-xhieda guramentata tal-istess perit tekniku fuq riferit datata s-26 ta' Gunju, 2014, u permezz taghha informa lill-qorti li ma jezisti l-ebda legat fir-rigward tal-kmamar mertu tal-procedura odjerna;

7. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Kuratur Deputat involut, ukoll datata s-26 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha, in vista tax-xhieda tal-perit tekniku riferit fil-paragrafu precedenti, iddikjara li kien qed ixolji kwalunkwe rizervi li kellu u ddikjara wkoll li ma kellux xhieda ohra x'jipproduci;

8. Semghat ix-xhieda prodotta;

9. Rat id-dokumenti l-ohra kollha;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-kmamar meritu tal-procedura odjerna fil-passat kellhom xi piz zghir hafna versu iz-zejt tal-lampa ta’ San Lawrenz fil-knisja parrokkjali tal-Birgu;

11. Illi dan l-obbligu jirrizulta li gie terminat u ghalhekk kif jirrelata l-imsemmi perit tekniku fuq riferit, illum l-istess kmamar m’ghandhom ll-ebda piz inkombenti fuqhom;

12. Illi *di piu`,* jirrizulta assodat li l-proprjeta` in dizamina mhix komodament divizzibbli;

13. Illi ma tresqet l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex din il-licitazzjoni mitluba ma ssehx;

**DECIDE:**

14.0. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-qorti ma` ssibx ragunijiet ghaliex m'ghandiex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti:

14.1. Tordna c-cessjoni ta' l-istat ta' komunjoni u t'indivizibilita` fil-kmamar fuq gia` indikati;

14.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kmamar in dizamina mhumiex komodament divizibbli;

14.3. Tordna l-licitazzjoni tal-kmamar in dizamina fuq indikati taht l-awtorita` tal-qorti u dan, bis-soliti provvedimenti kif mitlub, u bid-dritt tar-rikorrenti li joffru u jixtru *animo compensandi*, jekk ikun il-kaz;

14.4. Tordna ghalhekk li din il-licitazzjoni ssir fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza;

14.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------